**GHAWDEX**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. JAMES HENRY PEARSALL**

**Illum 28 ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru 58/2016**

**Ryan Norman Sanders**

**Vs**

**Ministeru tal-Finanzi**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Ryan Norman Sanders** ipprezentat fit-18 ta' Awwissu 2016 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi dan huwa appell minn rifjut tat-Transfer of Residence Exemption Board ghal ezenzjoni ai termini ta' l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u regola numru 4 tal-Avviz Legali 368.01 u dana a rigward tal-vettura Audi A4 471 – NMM484GP ;*

*Illi t-talba tieghu ghal ezenzjoni giet michuda u dana permezz ta' ittra datata disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2016 ;*

*Illi l-esponenti hassu aggravate b' din id-decizjoni u dana stante li :*

1. *L-appellant xtara l-vettura tieghu nhar it-tletin (30) ta' Lulju 2013 ;*
2. *Omm l-appellant giet dijanjostikata bil-marda qerrieda tal-kankru u kien ghalhekk li l-appellant ghamel xi vjaggi lejn Malta sabiex ikun prezenti ma ommu ghal bzonnijiet kif*

*ukoll sabiex ikun prezenti maghha fil-kura b' dan li r-residenza normali baqghet fl-Afrika ta' Isfel ;*

3. *Fl-okkazzjoni ta' nhar it-tnax (12) ta' Gunju 2015, omm u missier l-appellant ghamlu pressjoni fuqu sabiex jigi jghix permanentement hawn Malta u precizament Ghawdex ;*
4. *L-appellant accetta li jghid permanentement gewwa Ghawdex bil-kundizzjoni li huwa jkollu l-vettura Audi A4 471 – NMM484GP mieghu ;*
5. *Ir-residenza ordinarja tal-appellant kienet fl-Afrika t' Isfel fejn ghex ghal hamsa u tletin sena (35) u kien ghalhekk li huwa ghamel diversi vjaggi sabiex ghalaq l-hajja li kellu fl-Afrika t' Isfel u trasferixxa permanentament ir-residenza normali tieghu nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2016 meta huwa ghalaq kwalunkwe kuntatt personali mal-Afrika t' Isfel anke billi baghat l-oggetti kollha u l-vettura nniffisha ;*
6. *L-appellant kien imur u jigi minhabba r-ragunijiet medici li kienet tinsab fihom ommu ;*
7. *Omm l-appellant u cioe` Monica Sanders hadet hsieb il-procedura kollha tal-applikazzjoni " VEH07 – TRANSFER OF RESIDENCE – Application for Exemption from Motor Vehicle Registration Tax " billi imliet id-dettalji u suppliet d-dokumenti kollha mal-applikazzjoni ta' binha l-appellant u fejn kien hekk bzonn anke saqsiet lill-impjegati minn Transport Malta. Nhar it-tnejn (2) ta' Gunju 2016 giet prezentata l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ;*
8. *Illi wahda mid-dettalji tikjesti fl-applikazzjoni hija " Date of taking up residence in Malta (Date / Month / Year) " u ghalhekk Monica Sanders indikat bhala data t-tnax (12) ta' Gunju 2015, id-data meta huwa ha r-residenza l-ewwel darba u gie jara lilha imma mhux id-data li huwa effettivament ittrasferixxa permanentement ir-residenza normali tieghu ;*
9. *Illi sussegwetament l-appellant ircieva ittra datata disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2016 mit-Transfer of Residence Exemption Board fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi fejn gie nfurmat li l-applikazzjoni tieghu ma gietx accettata u bhala ragunijiet nghata " Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (3) which stipulates that ' it shall have been registered in the name of the individual transferring his normal residence for a period of at least twenty – four months immediately before the date of his transfer of residence to Malta and is still so registered when the vehicle is imported or brought into Malta ' "*

*Illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li jekk tinghata harsa lejn ir-regolament 4 tal-ligi sussidjarja Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.01) wiehed jista facilment jara r-rekwiziti necessarji rikjesti sabiex persuna tigi ezentata. Dan jghid is-segwenti :*

*" 4. (3) Biex vettura tkun tista tikwalifika ghal ezenzjoni taht is-subregola (1) – (a) hija trid tkun ilha registrata f' isem l-individwu* ***li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment*** *tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi mpurtata jew migjuba f' Malta " (***enfazi mizjuda***)*

*Illii l-applikazzjoni VEH07 li giet ukoll sottomessa mill-appellant, titlob li tigi ndikata " Date of taking up residence in Malta " li hija differenti minn dak rikjest mill-Ligi u li a bazi tieghu gie skwalifikat l-appellant milli jibbenefika mill-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa. Illi " taking up*

*residence " tista ssehh f' diversi okkazzjonijiet, li pero` ma taghtix permanenza ghaliex f' kaz il-bdil tar-residenza mhijiex wahda finali.*

*Illi a kuntrarju d-dicitura tal-ligi tghid " .... transferring his normal residence " li turi li l-bdil fir-residenza tkun wahda permanenti u finali. Di fatti fis-sezzjoni tal-interpretazzjoni, Regolament 2 tal-Ligi Sussidjarja Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.01) tiddefenixxi " transfer of residence " bhala " the* ***actual transfer of the normal residence*** *of a person from a place outside Malta to a place in Malta " (***enfazi mizjuda***). Fejn il-ligi tuza wkoll il-kelma " actual " jew "attwali" sabiex turi l-permanenza.*

*Illi ghalhekk meta omm l-appellant indikat id-data tat-tnax (12) ta' Gunju 2015 peress li dakinhar kienet wahda mid-dati meta huwa gie jzurha minhabba l-kundizzjoni medika taghha ma ghamlet xejn hazing ghaliex hija kienet qieghda tindika wahda mid-dati li huwa kien ha r-residenza f' Malta (taking up) imma li ma kienx ittrasferiha b' mod permanenti u dana state illi huwa kien ghax ghandu rbit personali mal-Afrika t' Isfel ;*

*Illi l-appellant kien present wkoll kopja tat-tickets tal-vjaggi li saru minnu pero` milli jidher ezami tad-dokumenti ma sarx ;*

*Illi kien sussegwetament u cioe` nhjar id-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2016 illi huwa kien qata kwalunque rbit ma' l-Afrika t' Isfel meta mar ghal ahhar darba fid-dsatax (19) ta' April 2016 u rritorna nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2016 fejn mieghu kien anke nizzel l-affarijiet kollha personali nkluz il-vettura Audi A4 ;*

*Illi ghalhekk mid-dokumenti ezibiti kif ukoll dokumenti ohra li sejrin jigu prezentati waqt il-kors tal-kawza sejjer jigi pruvat li l-appellanti ttrasferixxa realment ir-residenza normali tieghu ferm wara it-12 ta' Gunju 2015 u ghalhekk il-kundizzjoni li l-vettura trid tkun ilha registrata f' isem l-individwu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u baqghet hekk irregistrata hija wahda sodisfatta ;*

*Illi bla pregudizzju ghal premess, omm l-appellant kienet il-persuna li hadet hsieb il-mili tal-formula u fil-kundizzjoni medika li kienet hekk kif ser jigi dettaljament pruvat waqt il-kawza, kien hafna aktar facli ghaliha li tizbalja minn kwalunkwe persuna ohra li ma tkunx f' kundizzjoni simili.*

*Ghaldaqstant l-appellant umilment jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu jilqa l-aggravji tieghu u jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Bord tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2016 u konsegwentament jordna lill-appellat jaghti lill-appellant l-ezenzjoni komtemplata fl-Artikolu 19 tal-Kap 368 sabiex b' hekk il-vettura Audi NMN 484GP tigi ezentata mill-hlas tar-registrazzjoni."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi**ipprezentata fil-15 ta' Settembru 2016 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *ILLI* ***in linea preliminari*** *l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-****Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta****. Isegwi ghalhekk illi t-terminu tal-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekorri ;*
2. *ILLI* ***fil-mertu u bla pregudizzju*** *ghal dak premess, l-esponent jecepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dank if ser jigi muri fil-mori ta' dan ir-rikors ;*
3. *ILLI l-Ministeru intimat ta' decizjoni ta' rifjut datata 29 ta' Lulju 2016 hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok A*** *fuq id-dettalji moghtija mill-applikant fl-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa u d-dokumentazzjoni li rcieva hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok B****;*
4. *ILLI l-esponent jirrileva illi kien hemm ragunijiet validi skont il-ligi li fuqhom giet ibbazata d-decizjoni ta' rifjut ghall-ezenzjoni tat-taxxa ai termini tar-****Regolament 4 (3) (a) tal-Avviz Legali 440 tas-sena 2013****, fejn l-imsemmi regolament jirrikjedi illi sabiex vettura tkun tista` tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-subartikolu (1) "* ***hija trid tkun ilha registrata f' isem l-individwu li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi mpurtata jew migjuba f' Malta*** *" ;*
5. *ILLI jirrizulta mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa fuq ir-registrazzjoni tal-vettura, datata 16 ta' Mejju 2016 u li tinsab hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok. B****, li l-vettura tal-marka Audi bin-numru ta' registrazzjoni barrani NMM484GP* ***gie akkwistata mill-applikant fit-30 ta' Lulju 2013*** *;*
6. *ILLI jirrizulta mid-dikjarazzjoni tar-rikorrent stess fl-applikazzjoni li* ***d-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu f' Malta hi 21 ta' Gunju 2015*** *u ghalhekk ma kienx ilha registrata f' ismu ghal erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta ;*
7. *ILLI ghalkemm l-applikant isemmi data gdida ghat-trasferiment ta' residenza fir-rikors promotur u cioe` d-29 ta' April 2016 din ma tidher imkien fl-applikazzjoni sottomess mill-applikant u li fuqha kellu jiehu d-decizjoni t-Transfer of Residence Exemption Board ;*
8. *ILLI anke minn dikjarazzjoni maghmula mill-applikant lid-dipartiment tad-Dwana liema dikjarazzjoni hija annessa mal-applikazzjoni huwa jsemmi d-data tat-12 ta' Gunju 2015 u mkien ma tissemma d-data l-gdida ;*
9. *ILLI di piu` minn ittra datata 16 ta' Marzu 2016 annessa mal-applikazzjoni is-Sinjuri Bailleie jiddikjaraw illi " Ryan stayed with us until* ***June 2015 ...*** *Ryan Sanders lived with us until he too left for Malta to join his parents as his mother Monica had been diagnosed with cancer. "*
10. *ILLI ghalhekk, l-applikazzjoni tar-rikorrent giet michuda stante li hu ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi Regolament ;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz ;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu jichad it-talba kif dedotta fir-Rikors Promotur, bl-ispejjez kontra r-rikorrent."*

Sema’ x-xhieda ta’ Andrew Buttigieg, ta’ Monica Sanders, tar-rikorrent u ta’ Frans Attard;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti pproceda b’dan ir-rikors peress li hassu aggravat b’decizjoni tal-Ministeru intimat datata 29 ta’ Lulju 2016, liema decizjoni giet esebita bhala Dok A fol. 12 tal-process u li kienet tghid, *inter alia,* is-segwenti:

*“Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4 (3) (a) which stipulates that “it shall have been registered in the name of the individual transferring his normal residence for a period of at least twenty-four months immediately before the date of his transfer of residence to Malta and is still so registered when the vehicle is imported or brought into Malta.”*

Illi l-kontestazzjoni principali ta’ dan l-appell huwa dwar il-kwistjoni ta’ minn meta r-rikorrent ittrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta. Mill-applikazzjoni sottomessa lill-Ministeru intimat jirrizulta illi huwa nizzel fil-kaxxa appozita intitolata “*Date of taking up residence in Malta”* id-data tat-12 ta’ Gunju 2015. Filwaqt li fil-kaxxa intitolata *“Date of arrival (prior to taking up residence) in Malta”* id-data tas-27 ta’ Settembru 2013. Illi abbazi ta’ din l-informazzjoni supplita mill-istess rikorrenti, il-Ministeru intimat qieghed jishaq li l-vettura in kwistjoni, li kienet ilha ghand ir-rikorrent mit-30 ta’ Lulju 2013, ma kinitx ilha fil-pussess tieghu ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar kif rikjest a tenur ta’ Regolament 4 (3) (a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Illi r-rikorrent jissottometti illi d-data tat-trasferiment tar-residenza fl-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni ma tirriflettix meta effettivament ha r-residenza tieghu hawn Malta, tant li hemm diskrepanza bejn id-dicitura tal-ligi li titkellem fuq “transfer of residence” u dak li gie mitlub jimla r-rikorrent u cioe` “Taking up residence”. Fi kliem Frans Attard, ic-*Chairman* tat-*Transfer of Residence Exemption Board,* u cioe` l-Bord li bis-sahha delegata lilu mill-Ministru tal-Finanzi jezamina l-applikazzjonijiet ghall-ezenjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni, spjega li ghall-Bord iz-zewg frazijiet ifissru l-istess haga.

Illi wara li espona d-divergenza ta’ interpretazzjoni moghtija miz-zewg partijiet, it-Tribunal ezamina kemm ix-xhieda u kif ukoll id-dokumenti esebiti mill-partijiet. Ir-rikorrenti jistqarr illi huwa ha r-residenza tieghu fid-29 ta’ April 2016 tant li huwa gab *container* b’diversi oggetti,

fosthom il-vettura in kwistjoni, f'Gunju 2016. Min-naha l-ohra, il-Ministeru intimat esebixxa kopja tal-applikazzjoni ghall-ezenzjoni in kwistjoni b'ghadd ta' dokumenti annessi maghha, fosthom:-

1. Dokument intitolat "**Bringing your personal belongings to Malta from outside the European Community"** esebit a fol. 17 sa 19 tal-process fejn a fol. 18 hemm imnizzel is-segwenti ***"If you are returning to or transferring your normal home to the EC, please complete the following".*** Fl-istess pagna, iktar 'l isfel, fl-ispazju intitolat "what is the date of moving?" ir-rikorrent nizzel id-data tat-**12 ta' Gunju 2015**. Fl-ispazju intitolat "how long have you lived there?"[1] ir-rikorrent nizzel "**since birth until mid 2015**".[2]
2. Dikjarazzjoni tas-Sinjuri Baillie, zijiet tar-rikorrent, li spjegaw li r-rikorrent kien joqghod maghhom gewwa r-residenza taghhom fl-Afrika t'Isfel sa **Gunju 2015** u dan wara li l-ġenituri tieghu kienu hallew l-istess pajjiz biex jigu jirrisjedu Malta f'Gunju 2014.[3]
3. Dikjarazzjoni tal-Ufficju tal-Istatistika ghal "**Persons Settling in Malta**" li fiha r-rikorrent iddikjara illi huwa "**returned migrant**".[4]

Illi ghalhekk dak dikjarat mill-istess rikorrent fl-applikazzjoni tieghu u l-informazzjoni supplita minnu stess fid-dokumenti imsemmija iktar 'il fuq, u d-dikjarazzjoni taz-zijiet tieghu kollha jindikaw illi r-rikorrent ittrasferixxa r-residenza normali tieghu **f'Gunju 2015.**

Illi madankollu omm ir-rikorrent tispjega illi hija kienet imliet id-dettalji kollha tal-applikazzjoni tar-rikorrent u huwa kien biss iffirmaha. Hija tispjega li dan ghamlitu peress li diga kienet ghamlet taghha u ta' bintha f'okkazjonijiet precedenti. Tispjega wkoll illi d-data li nizzlet, u cioe` dik tat-12 ta' Gunju 2015 kienet nizzlitha bi zball ghax dik kienet id-data meta r-rikorrent kien gie Malta u li pero`, wara dakinhar kien rega' telaq u gie diversi drabi.

Illi nonostante, dak dikjarat mir-rikorrent, u cioe` illi huwa ha r-residenza tieghu f'April 2016, ir-rikorrent ma pproduca l-ebda dokument in sostenn ta' dan, bhal kopja tal-passaport tieghu jew biljetti tal-ajru. Ghaldaqstant il-Ministeru intimat zgur li ma ghandu l-ebda tort li ddecieda kif iddecieda. It-*Transfer of Residence Exemption Board* mexa abbazi ta' dak dikjarat mill-istess rikorrent u ghalhekk meta ra li l-vettura in kwistjoni ma kinitx ilha fil-pussess tar-rikorrent ghal mill-inqas erbgha u ghoxrin (24) xahar qabel it-trasferiment tieghu hawn Malta irrifjuta l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni. Il-fatt li l-applikazzjoni seghet giet mimlija minn omm ir-rikorrent ma toffri l-ebda gustifikazzjoni ghar-rikorrent ghaliex fl-ahhar mill-ahhar huwa kien iffirma ghall-kontenut taghha. Dan qieghed jinghad mhux ghax dan it-Tribunal ghandu xi dubju dwar meta r-rikorrent ittrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta, izda ghaliex omm ir-rikorrent hadet ir-responsabbilita` hi li d-data tnizzlet kif tnizzlet tort taghha u mhux tort tar-rikorrent.

Illi dan it-Tribunal jerga' irrileva illi ma gew prodotti l-ebda provi konkreti li r-rikorrent verament ittrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta f'April 2016. Pjuttost id-dokumenti annessi mal-applikazzjoni in kwistjoni jixhdu li t-trasferiment fil-fatt sehh f'Gunju 2015. In

[1] B'referenza ghall-pajjiz esteru fejn kien jghix qabel ir-rikorrent, u cioe` l-Afrika t'Isfel
[2] a fol. 17
[3] a fol. 29
[4] a fol. 20

oltre, l-applikazzjoni innifisha taghti d-definizzjoni tat-terminu "transfer of residence" u cioe` illi tali terminu jfisser "the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta" u allura ma jistghax jinghad li l-informazzjoni moghtija fl-applikazzjoni b'xi mod tizgwida lill-applikant. In oltre, fl-applikazzjoni nnifisha hemm spazju separat ghad-data ta' meta applikant ikun wasal hawn Malta u d-data ta' meta beda jirrisjedi hawn Malta. Fil-fatt dawn iz-zewg spazji gew mimlija b'dati differenti. Illi dan it-Tribunal ma jista' jara l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghala meta l-formula tal-applikazzjoni hija daqshekk cara wiehed kellu jnizzel data zbaljata.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord ha decizjoni korretta abbazi tal-informazzjoni supplita lilu fl-applikazzjoni in kwistjoni.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq espressi, qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Ministeru intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**